MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Numru. 85/2004

Il-Pulizija
(Spettur Yvette Farrugia)
vs
Martin Zammit

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Martin Zammit, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 509266M li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli :
(1) gewwa l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma f'Hal-Luqa fil-11 ta' Novembru 2003 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu volontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Joseph Borg skond kif iccertifika t-tabib Dr Mario Scerri M. D.;
(2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi kliem insulentajt jew heddidt lil Joseph Borg;
(3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghall-istess Joseph Borg biex iddejqu u jaghmillu l-hsraa;

(4) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied;

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni, spjegatlu l-import legali tal-ammissjoni tieghu, tatu zmien xieraq biex jikkonsidra jekk riedx jirtira din l-ammissjoni, l-imputat baqa' itenni li ried jirregistra ammissjoni fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu, u l-Qorti accettat din l-ammissjoni;

Issibu hati, wara li rat l-Artikoli 339 (l) (e), 339 (l) (d), 338 (dd), 370, 390, 392, 392 A, 215 u 216 (l) (d), 17 u 31 tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ammetta mal-ewwel u b'hekk evita li issir il-kumpilazzjoni, ghandu fedina penali netta, ghin lill-pulizija matul l-investigazzjoni, kif ukoll il-fatt illi l-parte civile iddikjara fil-Qorti illi hafirlu. Ghalhekk ma tqisx piena karcerarja bhala idonea ghall-akkadut u tara illi l-imputat ghandu jinghata opportunita ohra sabiex jaqbad it-triq it-tajba.

Ghalhekk wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 u torbtu b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' multa ta' LM100 ghal perjodu ta' tnax il-xahar millum milli b'xi mod jimmolesta aktar lil Joseph Borg.

Il-Qorti tiddikjara li spjegat bi kliem car lill-hati il-konsegwenzi ta' din is-sentenza.

Il-Qorti a tenur tal-Artikolu 392 A tal-Kap. 9 tordna illi l-atti, flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali a tenur tal-Artikolu 401 (3) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------